Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 6/2018

**Josephine Chetcuti (appellata)**

**Vs**

**Hamilton Travel Co Ltd (C-13680) (appellanti)**

8 ta' Marzu, 2019.

1. Is-socjeta' konvenuta appellat minn sentenza tat-Tribunal tal-Konsumatur tas-16 ta' Lulju, 2018.

2. Is-sentenza tal-lum tindirizza l-ewwel aggravju jitratta l-allegazzjoni tal-konvenuta li ma kinitx notifikata bid-data tas-smiegh tal-kawza quddiem it-Tribunal u bid-data tas-seduta ta' wara. L-appellanti qalet:

> *"... filwaqt li hija rceviet l-avviz tat-talba, hija qatt ma giet notifikata bl-avviz tas-seduta u ghalhekk qatt ma nghatatielha l-opportunita sabiex tkun prezenti u tressaq 'il quddiem il-verzjoni tal-fatti taghha. Bir-rispett kollu, t-Tribunal qatt ma rega hareg komunika jew notifika ghall-ebda seduta sussegwenti ghall-ewwel appuntament u dan sabiex l-istess socjeta appellanti tithalla tressaq 'il quddiem il-provi taghha".*

3. Mill-atti jirrizulta:

3.1 Fit-30 ta' Ottubru, 2017 l-attrici pprezentat il-kawza;

3.2 It-Tribunal appunta l-kawza ghas-seduta tat-22 ta' Jannar, 2018;

3.3 L-atti ntbaghatu lill-konvenuta bil-posta registrata. Fid-dokument tal-Maltapost jinghad li ntbaghatu Avviz tas-seduta, kopja tat-talba u formola tar-risposta;

3.4 Is-segretarja tat-Tribunal baghatet ittra datata 15 ta' Novembru, 2017 lill-konvenuta fejn infurmata li mat-twegiba kien hemm cekk imqatta, u peress li l-formola kellha nuqqasijiet, baghatet id-dokument lura.

3.5 Fis-17 ta' Novembru, 2017 il-konvenuta wiegbet u dakinhar inharget ricevuta tal-hlas mit-Tribunal.

3.6 Fit-22 ta' Jannar, 2018 saret l-ewwel seduta li fiha xehedet l-attrici. Il-kawza thalliet ghas-7 ta' Marzu, 2018 ghall-provi tas-socjeta' konvenuta.

3.7 Ghas-seduta tas-7 ta' Marzu, 2018 dehret biss l-attrici u t-Tribunal iddiferixxa l-kawza ghas-sentenza ghas-16 ta' Lulju,2018.

4. Fis-seduta tal-11 ta' Frar, 2019 xehedu Justine Bezzina (segretarja tat-Tribunal), Jasmine Marie Hamilton, u Raymond Portelli.

5. L-oneru tal-prova kien fuq is-socjeta' konvenuta li tikkonvinci lill-qorti li flimkien mal-avviz tat-talba ma rcevitx l-avviz tas-smiegh. F'dan ir-rigward il-konvenut ressqet lil Jasmine Marie Hamilton sabiex taghti prova li ma rcevitx l-avviz tas-smiegh. Pero' wara li l-qorti semghet lil Justine Bezzina tixhed, m'hijiex konvinta li probabbbilment l-avviz tas-smiegh ma kienx mehmuz mal-avviz tat-talba. Ix-xhud Bezzina kienet konsistenti u ma wriet l-ebda sens ta' indecizjoni jew incertezza. Dan apparti t-taghrif li hemm fuq il-*pink card* indirizzata lis-socjeta konvenuta, jikkorabora dak li qalet ix-xhud. Min-naha l-ohra l-konvenuta lanqas ma ndenjat ruhha tipprezenta kopja tad-dokumenti li irceviet.

6. L-appellanti ilmentat ukoll li, *".... t-Tribunal qatt ma rega' hareg komunika jew notifika ghall-ebda seduta sussegwenti ghall-ewwel appuntament u dan sabiex l-istess socjeta appellanti tithalla tressaq il-quddiem il-provi taghha"*. In vista ta' dak li nghad hawn fuq, it-Tribunal ma kellux obbligu li jerga' johrog notifika tal-avviz tas-smiegh b'riferenza ghas-seduta tas-7 ta' Marzu, 2018 u 16 ta' Lulju, 2018.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-ewwel aggravju tal-appellanti bl-ispejjez kontra taghha, u tordna li fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2019 fil-10.45 ta' filghodu issir trattazzjoni dwar il-meritu.**

Anthony Ellul.